PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

4.7.2012

B7-0389/2012 }
B7-0392/2012 }
B7-0397/2012 }
B7-0400/2012 }
B7-0401/2012 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
ECR (B7-0389/2012)
Verts/ALE (B7-0392/2012)
ALDE (B7-0397/2012)
S&D (B7-0400/2012)
GUE/NGL (B7-0401/2012)

dwar il-vjolenza kontra l-leżbjani u d-drittijiet tal-persuni LGBT fl-Afrika
(2012/2701(RSP))

Véronique De Keyser, Michael Cashman, Ana Gomes, Richard Howitt, Ricardo Cortés Lastra, Corina Creţu, Britta Thomsen, Iratxe García Pérez, Norbert Neuser, Liisa Jaakonsaari
f'isem il-Grupp S&D
Marietje Schaake, Sophia in 't Veld, Alexander Alvaro, Gianni Vattimo, Sonia Alfano, Robert Rochefort, Ramon Tremosa i Balcells, Marielle de Sarnez, Edward McMillan-Scott, Louis Michel, Sarah Ludford, Graham Watson, Nadja Hirsch, Leonidas Donskis, Frédérique Ries, Izaskun Bilbao Barandica, Jelko Kacin, Kristiina Ojuland, Johannes Cornelis van Baalen, Renate Weber, Cecilia Wikström, Alexandra Thein
f'isem il-Grupp ALDE

Ulrike Lunacek, Raül Romeva i Rueda, Nicole Kiil-Nielsen, Marije Cornelissen, Jean Lambert, Keith Taylor, Barbara Lochbihler, Judith Sargentini, Ana Miranda, Catherine Grèze
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Marina Yannakoudakis, Charles Tannock
f'isem il-Grupp ECR
Mikael Gustafsson, Marie-Christine Vergiat, Patrick Le Hyaric, Marisa Matias, Alda Sousa, Willy Meyer, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-vjolenza kontra l-leżbjani u d-drittijiet tal-persuni LGBT fl-Afrika
(2012/2701(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem(UDHR), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), u l-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli (ACHPR),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), li tenfasizza li n-nisa kollha għandhom id-dritt li jikkontrollaw u jieħdu deċiżjonijiet b'mod ħieles u responsabbli dwar kwistjonijiet relatati mas-sesswalità tagħhom mingħajr ma' jġarrbu sfurzar, stigmatizzazzjoni u vjolenza,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni A/HRC/17/19 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-17 ta' Ġunju 2011 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, u r-Rapport tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-17 ta' Novembru 2011 dwar liġijiet u prattiki diskriminatorji u atti ta' vjolenza kontra individwi, abbażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom u l-identità tal-ġeneru tagħhom,

– wara li kkunsidra d-diskussjoni f'panel tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, li saret fis-7 ta' Marzu 2012,

– wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-bniedem tan-NU Navanethem Pillay, magħmula fid-diskussjoni f'panel dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru waqt id-19-il sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fis-7 ta' Marzu 2012,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-2012 tal-organizzazzjoni Amnesty International dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, li jgħid li kibret l-intolleranza kontra persuni Leżbjani, Gej, Bisesswali u Transesswali (LGBT) fl-Afrika,

– wara li kkunsidra t-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP) minn naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, u l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari l-Artikoli 8(4) u 9,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(5) u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jimpenjaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha li jiddefendu u jippromwovu d-drittijiet universali tal-bniedem u l-protezzjoni tal-individwi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-bqija tad-dinja,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Mezzi ta' Azzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp 2010-2015,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, u tal-President tal-Parlament Ewropew fil-Jum Internazzjonali kontra l-Omofobija fl-2010, 2011, u 2012,

– wara li kkunsidra s-Sett ta' Strumenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha minn Persuni Leżbjani, Gej, Bisesswali u Transesswali (LGBT toolkit),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta' finanzjarjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (COM(2011)0406), u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2011: Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla' (COM(2011)0637),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar l-Uganda: abbozz ta' leġiżlazzjoni kontra l-omosesswali[1], u tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar l-Uganda:'l hekk imsejjaħ 'abbozz ta' liġi Bahati' u d-diskriminazzjoni kontra l-popolazzjoni LGBT[2], tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-Uganda: il-qtil ta' David Kato[3], u tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru fin-NU[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet barranin tal-UE u fil-konsolidazzjoni tal-paċi u tal-istrutturi tal-Istat[5],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi kull bniedem jitwieled ħieles u b'dinjità u drittijiet indaqs; billi l-Istati kollha għandhom l-obbligu li jevitaw il-vjolenza u t-tixwix ta' mibegħda msejsa fuq l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru, u r-rispett tal-prinċipji tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

B. billi d-drittijiet ta' nisa leżbjani, bisesswali, transġeneru u intersesswali huma l-istess drittijiet tal-bniedem bħal dawk tan-nisa u l-irġiel kollha, li jridu jiġu mħarsa indipendentement mill-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom;

C. billi xi pajjiżi Afrikani kienu fuq quddiem fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, filwaqt li l-kostituzzjoni post-apartheid tal-Afrika ta' Isfel kienet l-ewwel waħda fid-dinja li abolixxiet id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, u billi dan l-istess pajjiż ta bidu għar-riżoluzzjoni A/HRC/17/19 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru;

D. billi jeżistu movimenti u mexxejja politiċi li se jkunu jistgħu iwittu t-triq għall-bidla u għat-

[1] Testi adottati, P7_TA(2009)0119.
[2] Testi adottati, P7_TA(2010)0495.
[3] Testi adottati, P7_TA(2011)0074.
[4] Testi adottati, P7_TA(2011)0427.
[5] Testi adottati, P7_TA(2009)0372.

tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tan-nisa, u d-drittijiet ta' persuni leżbjani, gej, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) fl-Afrika;

E. billi qed jikbru l-istigmatizzazzjoni u l-vjolenza kontra nisa leżbjani, bisesswali, transġeneru u intersesswali, kif ukoll nisa meqjusa bħala tali, min-naħa tal-forzi tal-istat u tal-pulizija, tal-familji u tal-komunitajiet tagħhom fl-Afrika, u dan hu tħassib komuni, kif juru d-diversi dikjarazzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki Moon, il-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU Navanethem Pillay, u r-Riżoluzzjoni A/HRC/17/19 tas-17 ta' Ġunju 2011 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru;

F. billi fid-diskussjoni annwali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, li saret fil-25 u s-26 ta' Ġunju 2012, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, Margret Sekaggya, indikat li l-ksur li jsofru d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem isir f'sura speċifika għall-ġeneru, fosthom abbuż verbali abbażi tas-sess, abbuż sesswali u stupru; li dawn in-nisa tqiesu li qed jisfidaw in-normi soċjali aċċettati, il-kultura jew it-tradizzjonijiet, u li xi drabi tqiesu li qed jisfidaw preskrizzjonijiet reliġjużi u sussegwentement ġew stigmatizzati; u li d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem jeħtieġu attenzjoni speċifika, għax it-tbatija li jġarrbu fix-xogħol tagħhom xi drabi hija akbar minn dik li jġarrbu l-kontropartijiet maskili tagħhom;

G. billi n-nisa li jiksru n-normi soċjali u kulturali jistgħu jiġu ttimbrati leżbjani u jissograw li jġarrbu mġiba maskili vjolenti u/jew trattament degradanti, u billi dan il-fatt jirriżulta fit-trażżin tal-espressjoni tas-sesswalità u l-libertà tal-għażla tan-nisa kollha, anke dak tan-nisa eterosesswali; billi d-drittijiet sesswali huma relatati mal-awtonomija tal-ġisem u l-libertà tal-għażla tan-nisa kollha;

H. billi fl-Afrika, l-omosesswalità femminili hi legali f'27 pajjiż u illegali f'27, filwaqt li l-omosesswalità maskili hi legali f'16-il pajjiż u illegali fi 38 pajjiż, u billi l-piena għall-omosesswalità hija l-mewt fil-Mawritanja, fis-Sudan, f'partijiet mis-Somalja u min-Niġerja, u billi abbozz ta' liġi mressaq minn deputat quddiem il-parlament tal-Uganda jipprevedi l-piena kapitali għall-omosesswalità;

I. billi l-liġijiet li jikkriminalizzaw ir-relazzjonijiet u s-sesswalità bejn persuni tal-istess sess u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' klima li tinkoraġġixxi l-vjolenza kontra nisa leżbjani, jew nisa li jitqiesu li huma leżbjani,

J. billi l-qtil, it-tortura, il-priġunerija, il-vjolenza, l-istigmatizzazzjoni u d-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, xi drabi leġittimizzat bil-liġi, huma rappurtati fir-reġjuni kollha tad-dinja; u billi kien hemm atti ta' vjolenza u aggressjoni ripetuti kontra nisa leżbjani f'diversi pajjiżi Afrikani;

K. billi l-ġlieda għall-ugwaljanza u l-ġustizzja u għall-viżibilità u d-drittijiet tal-leżbjani hi konnessa mill-qrib mal-ġlieda għad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa b'mod ġenerali; billi l-leżbjani wkoll, bħal ħafna nisa oħra, huma suġġetti għall-vjolenza, kemm abbażi tal-fatt li huma nisa kif ukoll abbażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom;

L. billi fil-Kamerun, fi Frar 2012, għaxar nisa ġew arrestati u tlieta minnhom akkużati għall-

ewwel darba, li pprattikaw l-omosesswalità; billi qed ikomplu jsiru arresti u swat min-naħa tal-pulizija, fejn l-aħħar każ magħruf seħħ fl-24 ta' Ġunju 2012; billi l-avukat Alice Nkom ġiet mhedda bil-mewt u bi vjolenza f'diversi okkażjonijiet talli ddefendiet persuni akkużati b'omosesswalità; billi laqgħa tal-komunità LGBTI f'Yaoundé ġiet imwaqqfa b'mod vjolenti minn klikka vjolenti fid-19 ta' Mejju 2012;

M. billi s-Senat tal-Liberja bħalissa qed jiddibatti proposta biex ikompli jestendi l-projbizzjoni ta' relazzjonijiet bejn persuni tal-istess sess lil hinn minn dak li tipprevedi l-liġi attwalment; billi l-midja u l-opinjoni pubblika qegħdin kulma jmur ifittxu li jintimidaw lil persuni LGBTI, u billi żewġ nisa leżbjani ġew attakkati riċentement minn irġiel armati;

N. billi fil-Malawi, l-omosesswalità femminili ġiet projbita f'Jannar 2011; billi l-President il-ġdid Joyce Banda qalet li se titlob lill-parlament jirrevoka l-liġijiet li jikkriminalizzaw l-omosesswalità,

O. billi fin-Niġerja, 'l-Abbozz ta' Liġi ta' Projbizzjoni ta' Żwiġijiet bejn Persuni tal-Istess Sess' għandu l-għan ir-reġistrazzjoni, l-operat jew l-eżistenza ta' ċerta organizzazzjonijiet, u l-laqgħat jew purċissjonijiet tagħhom, u jipprojbixxi attivitajiet li jagħmlu parti strettament mill-ambitu tal-ħajja privata; billi d-diskussjonijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi komplew iżidu t-tensjoni u t-theddid kontra persuni LGBTI;

P. billi fl-Afrika t'Isfel, 'l hekk imsejħa 'stupri korrettivi' ta' nisa leżbjani u transġeneru għadhom għaddejjin bla rażan; billi d-dibattiti kontinwi dwar il-protezzjoni kostituzzjonali ta' persuni vittmizzati minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħhom qed ikebbsu l-vjolenza kontra persuni LGBTI; billi l-attivist gej Thapelo Makutle riċentement ġie ttorturat u maqtul, filwaqt li Phumeza Nkolonzi, leżbjana ta' 22 snin, sparawlha f'rasha minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħha, u Neil Daniels qala' daqqiet ta' sikkina, u ġie mutilat u maħruq ħaj minħabba li kien gej;

Q. billi fi Sważiland qed isiru sforzi pożittivi biex tiġi evitata jew ikkurata l-HIV/AIDS fost popolazzjonijiet f'riskju, inklużi n-nisa, u l-irġiel li jkollhom x'jaqsmu mal-irġiel, minkejja l-kriminalizzazzjoni tal-omosesswalità fil-pajjiż;

R. billi fl-Uganda, laqgħat privati ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem twaqqfu fi Frar u f'Ġunju 2012 mill-forzi tal-pulizija u l-Ministru għall-Etika u l-Integrità, mingħajr mandati u b'nuqqas ta' rispett għal-libertà tal-għaqda taċ-ċittadini; billi l-Ministru qed jippjana li jabolixxi 38 organizzazzjoni li hu mifhum li jaħdmu għad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni LGBTI; billi l-Abbozz kontra l-Omosesswalità li ġie propost għall-ewwel darba fl-2009 għadu qed jiġi diskuss, u jista' jinkludi dispożizzjonjiet dwar il-piena kapitali; billi l-kawżi pendenti u l-indaġnijiet fl-Uganda u fl-Istati Uniti juru r-rwol, fost l-oħrajn, ta' Scott Lively u l-Abiding Truth Ministries, grupp evanġeliku fundamentalista ibbażat fl-Istati Uniti, fit-tixrid tal-mibegħda u l-intolleranza abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, u fl-introduzzjoni tal-liġi;

Diskriminazzjoni u vjolenza kontra n-nisa leżbjani fl-Afrika

1. Jikkundanna bil-qawwa kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjonikontra l-leżbjani f'pajjiżi Afrikani fejn qed iseħħu, inklużi forom estremi ta' vjolenza, bħal stupri 'korrettivi', u forom oħra ta' vjolenza sesswali;

2. Jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għal kampanji u inizjattivi li jimmiraw li jabolixxu l-liġijiet diskriminatorji kontra n-nisa u persuni LGBTI; jitlob lil dawk il-pajjiżi Afrikani li għad għandhom liġijiet diskriminatorji fis-seħħ biex jabolixxuhom immedjatament, inklużi liġijiet li jipprojbixxu l-omosesswalitàu liġijiet li jiddiskriminaw kontra n-nisa f'termini ta' stat ċivili, proprjetà u drittijiet tal-wirt;

3. Jikkonferma li l-ġlieda favur id-drittijiet fundamentali u umani tal-leżbjani fl-Afrika hi marbuta mill-qrib mal-aċċess għad-drittijiet u għas-saħħa sesswali u riproduttivi tan-nisa kollha; jitlob, għaldaqstant, lill-UE tieħu impenn sod f'termini ta' riżorsi u politika ta' appoġġ għas-saħħa u għad-drittijiet sesswali u riproduttivi fix-xogħol tagħha ma' pajjiżi sħab fl-Afrika;

4. Jitlob lill-awtoritajiet relevanti fl-Afrika biex jipproteġu b'mod effettiv lin-nisa kollha mill-qtil, mill-istupru hekk imsejjaħ 'korrettiv' u minn vjolenza sesswali oħra, u biex l-atturi ta' dawn id-delitti jiġu proċessati;

5. Jinnota li l-istigmatizzazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa leżbjani, bisesswali, transġeneru u intersesswali sikwit ikunu marbuta mad-diskriminazzjoni;

6. Jesprimi s-solidarjetà u l-appoġġ tiegħu mal-atturi kollha li jaħdmu favur aġenda aktar b'saħħitha tad-drittijiet tan-nisa;

7. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-UE jappoġġaw l-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet LGBTI fl-Afrika fil-ġlieda tagħhom għall-ugwaljanza, l-awtonomija tal-ġisem u d-dritt tal-libertà fis-sesswalità għan-nisa u għall-persuni LGBTI kollha; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali lil-leżbjani fi ħdan il-moviment LGBTI u fi ħdan il-moviment tan-nisa, kif ukoll f'movimenti soċjali oħra, sabiex tiġi denunzjata d-diskriminazzjoni doppja jew xi drabi multipla li jħabbtu wiċċhom magħha l-leżbjani f'pajjiżi Afrikani;

8. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea, is-SEAE u l-Istati Membri jħaffu r-ritmu tal-implimentazzjoni tal-għanijiet stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tisħiħ tal-Mezzi ta' Azzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp, u jagħtu attenzjoni partikolari lid-drittijiet ta' nisa leżbjani, bisesswali, transġeneru u intersesswali, kemm fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi kif ukoll meta jagħtu appoġġ lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

Drittijiet LGBTI fl-Afrika

9. Jisteiden lis-76 pajjiż fid-dinja fejn l-omosesswalità hi illegali, fosthom 38 pajjiż fl-Afrika, biex jiddikriminalizzaw l-omosesswalità;

10. Jiddenunzja t-tixwix għall-mibegħda u l-vjolenza għal raġunijiet tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru; jitlob lill-pajjiżi msemmija aktar 'il fuq biex jirrispettaw b'mod effettiv id-dritt tal-ħajja u d-dinjità ta' persuni LGBTI, u jikkundanna kull att ta' vjolenza, diskriminazzjoni, stigmatizzazzjnoi u umiljazzjoni kontrihom;

11. Jistieden lill-mexxejja politiċi u reliġjużi jikkundannaw il-persekuzzjoni u d-diskriminazzjoni

abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, u jieħdu pożizzjoni soda kontra l-omofobija, u jingħaqdu mas-sejħa tal-Arċisqof Desmond Tutu kontra l-inġustizzja u l-prġudizzju u favur is-solidarjetà u l-ġustizzja;

12. Jistieden lill-SEAE, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jfakkru lill-pajjiżi Afrikani, fid-djalogi politiċi magħhom, bl-obbligu tagħhom li jwettqu l-impenji li ħadu fl-ambitu ta' strumenti u konvenzjonijiet internazzjonali u legalment vinkolanti tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari li jirrispettaw u jippromwovu d-dritt li ma jklunx hemm diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru;

13. Jilqa' l-fatt li xi pajjiżi Afrikani, fosthom il-Kap Verde, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Gabon, il-Ginea Bissaw, il-Malawi, il-Mawrizju, ir-Rwanda, São Tomé u Principe, l-Afrika t'Isfel u s-Sważiland urew l-oppożizzjoni tagħhom għall-kriminalizzazzjoni, żguraw aċċess għall-kura tas-saħħa għal persuni LGBTI, jew wegħdu li jiddekriminalizzaw l-omosesswalità;

14. Jistieden lill-Grupp ta' Stati tal-ACP biex jipparteċipaw f'diskussjoni aperta, kostruttiva u b'rispett reċiproku;

15. Jitlob lill-pajjiżi Afrikani jżidu s-sigurtà għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem LGBTI, u jitlob lill-UE biex tassisti s-soċjetà ċivili lokali bi programmi ta' bini tal-kapaċità fl-Afrika;

16. Jinsisti li l-ftehimiet kummerċjali u l-programmi tal-iżvilupp jinkludu klawsoli mhux negozjabbli tad-drittijiet tal-bniedem u klawsoli ta' nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Ftehim ta' Cotonou, u li huma jridu jkunu konformi mal-approċċ il-ġdid imsejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-politiki tal-iżvilupp tal-UE, anke fir-rigward tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u tal-orjentazzjoni sesswali;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea, l-SEAE u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mit-Toolkit LGBT, u jħeġġu lil pajjiżi terzi jiddekriminalizzaw l-omosesswalità, filwaqt li jgħinu biex tonqos il-vjolenza u d-diskriminazzjoni, u jipproteġu d-drittijiet ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem LGBTI;

18. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tiffinanzja organizzazzjonijiet mhux governattivi li qed jaħdmu biex jipproteġu d-drittijiet ta' persuni LGBTI, b'mod partikolari permezz tal-EIDHR;

19. Ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri, fl-ambitu tad-Direttiva 2004/83/KE (riformulazzjoni), li jipproteġu u jagħtu asil lil ċittadini ta' persuni terzi li jkunu qed jaħarbu minn persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u b'mod partikolari lil Catherine Ashton, Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, biex tieħu azzjoni konkreta billi timmobilizza l-istrumenti xierqa kollha biex tagħmel pressjoni sabiex tipproteġi l-persuni mid-diskriminazzjoni u l-persekuzzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u sabiex tqajjem dawn il-kwistjonijiet fir-relazzjonijiet u d-djalogi tagħha ma' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dawn il-kwistjonijiet fil-Pjan

Direzzjonali kontra l-omofobija, li l-Parlament Ewropew talabha tfassal diversi drabi[1];

21. Jagħti Struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi-President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Grupp tal-Istati tal-ACP, lill-Ambaxxaturi tal-Istati tal-ACP għall-Unjoni Ewropea, lill-Parlament tal-Afrika ta' Isfel, lill-Unjoni Afrikana u l-istituzzjonijiet tagħha.

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0019, P7_TA(2011)0074, P7_TA(2011)0427, P7_TA(2012)0069, P7_TA(2012)0126 u P7_TA(2012)0222.